MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 684/2001/1

**Sonia Buttigieg u Rose Buttigieg.**

**-vs-**

**Lawrence Farrugia.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-23 ta' April, 2001 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi fil-31 ta' Ottubru, 1999 l-atturi sfaw korruti wara li gew milquta mil-konvenut, waqt li dan ta' l-ahhar kien qed isuq vettura numru ta' registrazzjoni CAQ 716. Bhala konsegwenza ta' dan l-incident stradali li sehh fi Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun, l-atturi soffrew danni gravi.

Illi ghal dan l-incident kien jahti unikament il-konvenut stess u dana minhabba traskuragni, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Illi l-konvenut interpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni kagionati minnu kif fuq spjegat, anke permezz ta' ittra ufficcjali ta'  Mejju, 2000, huwa xorta wahda baqa indempjenti,

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. tiddikjara u tiddecidi illi kien l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi.

2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi in segwitu tal fuq imsemmi incident f'somma li ghandha tigi stabbilita jekk ikun hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi,

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur in linea ta' danni dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali tas-27 ta' Jannar 2000 u dawk tal-ittra ufficjali ta' 9 ta' Mejju, 2000 u ta' ittra ufficjali ohra ippresentat kontestwalment ma' din il-kawza lis-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, bl-imghax legali u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fis-6 ta' Gunju, 2001 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi l-ewwel talba hi ammessa. L-assikuraturi tal-esponent ( Insurance Agency Ltd noe) qalu dan sa mill-bidu nett lill-attur, u jirrizulta minn korrispondwenza –

ghalhekk l-eccipjent m'ghandux ibati danni dwar din it-talba.

2. Dwar iz-zewg talbiet l-ohra, id-danni jridu jigu kwantifikati – haga li l-atturi qatt m'ghamlu u kwindi anke hawn l-eccipjent m'ghandux ibati spejjes.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali nkluz ir-rapporti tal-espert mediku.

Rat in-nota ta' tal-atturi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta ta' llum wara li semghet lill-Avukat.

Ikkunsidrat;

Illi fir-rigward tar-responsabilita' tal-incident ma hemmx kwistjoni ghaliex il-konvenut qed jammetti r-responsabilita' izda qed jikkontesta li l-atturi sofrew xi hsara permanenti. Jidher car pero' mir-rapporti tal-periti medici illi effettivament l-atturi sofrew it-tnejn li huma hsara permanenti b'rizultat tal-incident in kwistjoni.

Stabbilita din il-kwistjoni, irid allura jigi deciz l-ammont ta' danni li ghandhom jigu akkordati lill-attur in segwitu ghall-incident stradali msemmi. Dan il-Qorti ser taghmlu fuq l-iskorta tad-diversi sentenzi li nghataw mill-Qrati taghna in segwita tas-sentenza Butler vs Heard fl-1967.

L-atturi qed jirreklama kemm *damnum emergens* u kemm *lucrum cessans*. Fir-rigward ta' l-ewwel, huma esebew id-dokument li gie esebit fis-seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005. Minn dan jirrizulta illi Rose Buttigieg nefqet mitejn u

erbghin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm240.38) u Sonya Buttigieg tlett mija u erbgha Liri Maltin (Lm304).

Naturalment hija dejjem il-kwistjoni tal-*lucrum cessans* li tipprezenta dejjem l-ikbar diffikoltajiet. L-incident sehh fl-2002 meta l-attrici Sonya Buttigieg kellu tletin (30) sena u ghalhekk illum hu ghandu sitta u tletin (36) sena. L-esperti medici addizjonali waslu ghall-konkluzjoni li hija sofriet disabilita' ta' tnejn u ghoxrin fil-mija (22%). Billi hija mara tad-dar u ma ghandhiex impjieg il-Qorti ser tadotta l-paga minima accettata illum il-gurnata u cioe' sittin Lira Maltin (Lm60) fil-gimgha jew tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) fis-sena u ser tahdimha fuq hamsa u ghoxrin (25) sena; b'kollox tnejn u ghoxrin fil-mija (22%) ta' hamsa u sebghin elf Lira Maltin (Lm75,000) li jammontaw ghal sittax-il elf u hames mitt Lira Maltin (Lm16,500). Il-Qorti mhux ser tnaqqas ammonti ghal hlas f'daqqa u lanqas izzid ghal inflazzjoni jew tnaqqas ghal konsum ghax dawn l-ammonti normalment jikkancellaw lil xulxin. Ma' dan iridu jizdiedu tlett mija u erbgha Liri Maltin (Lm304) danni reali – b'kollox sittax-il elf, tmien mija u erbgha Liri Maltin (Lm16,804).

Ommha Rose ghandha sittin (60) sena u ghalhekk l-ammont hu iktar difficli jinhadem. HIja ghandha, dejjem skond il-periti medici addizjonali tmintax fil-mija (18%) disabilita' u ghalhekk irid jinhadem fuq numru ta' snin inqas; il-Qorti ser tahdem fuq hames snin u ghalhekk tmintax fil-mija (18%) ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) ghal hames snin li jammonta ghal elfejn u seba' mitt Lira Maltin (Lm2,700) li maghhom jizdiedu mitejn u erbghin elf Lira Maltin u tletin centezmu (Lm240.30) fuq imsemmija.

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet kollha tal-attur u tillikwida d-danni li sofriet Sonya Buttigieg ghas-somma ta' sittax il-elf, tmien mija u erbgha Liri Maltin (Lm16,804) u Rose Buttigieg elfejn, disa' mija u erbghin Lira Maltin u tletin centezmu (Lm2,940.30) u tikkundanna**

**ghalhekk lill-konvenut ihallas lill-attrici Sonya Buttieg is-somma ta’ sittax il-elf, tmien mija u erbgha**

**Liri Maltin (Lm16,804) u lill-attrici Rose Buttigieg is-somma imsemmija ta’ elfejn, disa’ mija u erbghin Lira Maltin u tletin centezmu (Lm2,940.30) u imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mil-llum stess u bl-ispejjes kollha tal-kawza komprizi dawk indikati fic-citazzjoni jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------